MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 432/2009

Emmanuel Genovese (Id. 42849M)

Vs

Michael Sammut (Id. 197673M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa mija u tnejn u sittin ewro (€962.00), rapprezentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta' merce mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mill-attur. Bl-ispejjes u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Kap. 16; (ii) illi t-talba kif dedotta minghajr dokumenti, ma tistax tkun provata kif titlob il-ligi, u ma tippromettix li tigi evalwata l-bazi legali ghat-talba, u wisq inqas id-difiza; (iii)

illi ghalhekk u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talba attrici kif dedotta hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Michael Sammut.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Novembru 2010, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fir-risposta tieghu, u cioe l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Illi alavolja fir-risposta tieghu l-konvenut ma jsemmi l-ebda artikolu tal-ligi li a bazi taghha huwa qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni, permezz tal-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2009, gie dikjarat mill-konvenut li huwa qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan l-istess artikolu jiddisponi hekk kif gej:-

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut.’*

Illi l-konvenut xehed fil-qosor li huwa kien xtara PA system minghand l-attur fis-sena 1994 jew 1995 u li l-pagamenti kellhom isiru bin-nifs. Huwa xehed li qatt ma rcieva xi karta jew ittra minghand l-attur dwar xi ammont dovut u li ilu ma jkellem lill-attur ghal madwar hames snin. Huwa xehed ukoll li ma ghamel l-ebda pagamenti lill-attur tul dawn l-ahhar hames snin.

Illi alavolja inghataw diversi opportunitajiet lill-attur sabiex jipproduci l-provi tieghu fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, l-istess attur la qatt deher quddiem dan it-Tribunal u inqas u inqas ma pproduca xi provi.

Illi peress li ma tezisti l-ebda prova kwalsiasi li b'xi mod tikkontradixxi x-xhieda tal-konvenut, u peress illi ghalhekk it-Tribunal bilfors irid jistrieh fuq ix-xhieda tal-konvenut biss, jidher li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar ghadda minghajr ma gie interott skond il-ligi. B'hekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut u b'hekk jichad it-talba attrici. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------